

**ASSOĊJAZZJONI
BEJN
L-UNJONI EWROPEA
U L-BULGARIJA**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

**Brussel, 19 ta' Diċembru 2006
(OR. en)**

UE-BG 1908/06

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar pożizzjoni tal-Komunità fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni tal-KE u l-Bulgarija dwar l-emendament ta' l-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' estensjoni tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew
----------	--

Deċiżjoni Nru .../2006 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE u l-Bulgarija

ta'

**li temenda l-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizzjonali
għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn
il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda,
u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra,
fir-rigward ta' estensjoni tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll
2 għall-Ftehim Ewropew**

IL-KUNSILL TA' ASSOĠJAZZJONI,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra¹,

Wara li qies il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Bulgarija min-naħa l-oħra, bl-intenzjoni li jiġi estiż il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim² Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu;

¹ ĠU L 358, 31.12.1994, p. 3

² Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 1/2004 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ta' l-UE u l-Bulgarija, ĠU L68, 15.3.2005, p. 41.

Billi:

- (1) Il-Bulgarija reċentement indikat li ma kenitx se tkun tista' tirrispetta l-obbligi ta' l-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew fuq il-bażi tal-programm nazzjonali ta' ristrutturazzjoni u tal-pjan azjendali individwali. Għalhekk, ressqet quddiem il-Kummissjoni Ewropea programm ta' ristrutturazzjoni u pjan azjendali modifikati. Fil-programm ta' ristrutturazzjoni tagħha, il-Bulgarija qed tipproponi li jekk l-osservazzjoni ta' l-implimentazzjoni tar-ristrutturazzjoni turi li l-obbligi rilevanti tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew u l-miżuri ewlenin ta' ristrutturazzjoni (inklużi l-investimenti kollha implimentati) ma jkunux twettqu jew li, matul il-perjodu tar-ristrutturazzjoni, il-Bulgarija tkun tat għajnuna statali addizzjonali lill-industrija ta' l-azzar, u lil Kremikovtzi AD b'mod partikolari, il-Bulgarija tiġbor lura kull għajnuna mogħtija bi ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet skond il-liġi applikabbli qabel jew wara l-adeżjoni tagħha ma' l-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni tal-programm modifikat ta' ristrutturazzjoni u l-pjan azjendali mressaq mill-Bulgarija. Din l-evalwazzjoni tindika li l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni u l-pjan azjendali se jippermettu lill-kumpannija kkonċernata sabiex tilħaq il-vijabbiltà taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u li tirrispetta l-obbligi ta' l-Artikolu 9(4) tat-2 Protokoll għall-Ftehim Ewropew.
- (3) L-Unjoni Ewropea u l-Bulgarija jiftiehm li josservaw mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni. Jekk il-Kummissjoni tistabbilixxi, fuq il-bażi ta' din is-sorveljanza, li jkun hemm devjazzjonijiet sostanzjali mill-previżjonijiet ta' l-iżviluppi makroekonomiċi, tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija kkonċernata jew ta' l-istima tal-vijabbiltà, hija għandha tkun tista' teżiġi, fisem il-Komunità Ewropea, li l-Bulgarija tieħu passi xierqa sabiex issaħħaħ jew timmodifika l-miżuri ta' ristrutturazzjoni tal-kumpannija kkonċernata Kremikovtzi AD.

- (4) Il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tat-2 Protokoll għall-Ftehim Ewropew (minn hawn 'il quddiem il-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew), għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtiegħ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 9(4) tat-2 Protokoll għall-Ftehim Ewropew, għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tissorvelja b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni u l-pjanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 f'isem il-Komunità Ewropea. Il-Ministeru tal-Finanzji għandu jagħmel dan f'isem il-Bulgarija. Il-Kummissjoni Ewropea tista' tobbliga lill-Bulgarija sabiex tiegħu passi xierqa sabiex timmodifika l-pjan ta' ristrutturazzjoni għall-kumpannija Kremikovtzi AD fil-każ li jkun probabbli li ma jkunx se jsejtni it-tweġġ ta' l-obbligi ta' l-Artikolu 9(4) tat-2 Protokoll tal-Ftehim Ewropew.

Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiddeċiedi jekk il-programm ta' ristrutturazzjoni u l-pjanijiet ikunux ġew implimentati b'mod sħiħ u jekk ikunux konformi ma' l-obbligi ta' l-Artikolu 9(4) tat-2 Protokoll għall-Ftehim Ewropew.

Fil-każ li s-sorveljanza ta' l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturazzjoni u tal-pjanijiet turi li l-kundizzjonijiet rilevanti tat-2 Protokoll għall-Ftehim Ewropew u l-miżuri ta' ristrutturazzjoni ewlenin, inklużi l-investimenti kollha implimentati, ma jkunux twettqu jew li matul il-perjodu tar-ristrutturazzjoni l-Bulgarija tkun tat għajjnuna statali addizzjonali lill-industrija ta' l-azzar, u lil Kremikovtzi AD b'mod partikolari, il-Bulgarija għandha tiġbor lura mingħand il-benefiċjarju kull għajjnuna mogħtija bi ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet qabel jew wara l-adeżjoni tagħha ma' l-Unjoni Ewropea. "

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Magħmul fi Brussel,

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

Il-President
